MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 444/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera assikurattrici Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carlo Zahra abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Carlo Zahra**

**vs**

**Anthony Spagnol**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u ghaxar liri Maltin u erba' centezmi (Lm210.04) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Carlo Zahra assigurat tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erba' centezmi**

**(Lm185.04) is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) l-istess Carlo Zahra in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta' Gunju, 2002, ghall-habta tas-1.15pm. gewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Carlo Zahra, bin-numru ta' registrazzjoni IBF-602 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni BBJ-424, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2003, u dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici SMS Insurance Agency Ltd. bhala agenti tas-socjeta` estera Ecclesiastical Office p.l.c., u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2003 kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta'  Dr Rachel Montebello . Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erba' centezmi (Lm185.04) u lill-attur Carlo Zahra is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghax legali mis-6 ta' Jannar 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2003, u dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici**

**SMS Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Ecclesiastical Office p.l.c., ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------